II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:
https://unece.org/status-1958-agreement-and-annexed-regulations

Regolament tan-NU Nru 161 — Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-vetturi bil-mutur mill-użu mhux awtorizzat u l-approvazzjoni tal-apparat kontra l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar) [2021/2274]

Data tad-dħul fis-seħħ: 30 ta' Settembru 2021

Dan id-dokument huwa intiż purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni. It-test awtentiku u legalment vinkolanti huwa: ECE/TRANS/WP.29/2021/48.

WERREJ

Regolament

1. Kamp ta' applikazzjoni

2. Definizzjonijiet

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

4. Approvazzjoni

5. Approvazzjoni ta' vettura tal-Kategorija M_1 u N_1 fir-rigward tal-apparati tagħha li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat

6. Modifika tat-tip u estensjoni tal-approvazzjoni

7. Proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni

8. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

10. Ismijiet u indirizzi ta' Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

Annessi

1 Dokument ta' informazzjoni

2 Komunikazzjoni

3 Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

4 Parti 1 — Proċedura tat-test tat-tkagħbir bl-użu għal apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat u li jaġixxu fuq l-istering

4 Parti 2 — Proċedura tat-test għal apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat u li jaġixxu fuq l-istering permezz ta' apparat li jillimita t-torque

5 (riżervat)

6 Il-parametri tat-tħaddim u l-kundizzjonijiet tat-test għall-apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar)

7 Kompatibbiltà elettromanjetika

1. Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal:

1.1. Approvazzjoni ta' vettura tal-Kategorija M_1 u N_1 ([1]) fir-rigward tal-apparati tagħha li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat.

1.2. It-twaħħil tal-apparati f'vetturi ta' kategoriji oħrajn huwa fakultattiv iżda kwalunkwe tali apparat imwaħħal jeħtieġ li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

1.3. Fuq talba tal-manifattur, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jagħtu approvazzjonijiet skont dan ir-Regolament lill-vetturi ta' kategoriji oħra u lill-apparati għat-twaħħil fuq dawn il-vetturi.

1.4. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-frekwenzi tat-trażmissjoni bir-radju, kemm jekk relatati mal-protezzjoni tal-vetturi minn użu mhux awtorizzat kif ukoll jekk le.

2. Definizzjonijiet

2.1. "*Komponent*" tfisser apparat soġġett għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u maħsub biex ikun parti minn vettura, li jista' jkun ta' tip approvat indipendentement minn vettura fejn dan ir-Regolament jispeċifika espressament dispożizzjonijiet għal dan.

2.2. "*Unità teknika separata*" tfisser apparat soġġett għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u maħsub biex ikun parti minn vettura, li jista' jkun tip approvat separatament, iżda biss f'rabta ma' tip wieħed speċifiku jew aktar ta' vettura fejn dan ir-Regolament jispeċifika espressament dispożizzjonijiet għal dan.

2.3. "*Manifattur*" tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli fil-konfront tal-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni. Ma huwiex essenzjali li l-persuna jew il-korp ikunu direttament involuti fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata li tkun is-suġġett tal-proċess tal-approvazzjoni.

2.4. "*Tip ta' vettura*" tfisser kategorija ta' vetturi bil-mutur li ma jvarjawx bejniethom f'aspetti essenzjali bħal:

2.4.1. L-isem tat-tip tal-manifattur,

2.4.2. L-arranġament u d-disinn tal-komponent jew komponenti tal-vettura li fuqhom jaġixxi l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat,

2.4.3. It-tip ta' apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat.

2.5. "*Apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat*" tfisser sistema tal-illokkjar maħsuba biex tipprevjeni l-attivazzjoni normali mhux awtorizzata tal-magna jew sors ieħor tal-enerġija tal-magna ewlenija tal-vettura b'kombinazzjoni ma' tal-inqas sistema waħda li:

(a) tillokkja l-istering; jew

(b) tillokkja t-trażmissjoni; jew

(c) tillokkja l-kontroll tat-tibdil tal-ger; jew

(d) tillokkja l-brejkijiet.

Fil-każ ta' sistema li tillokkja l-brejkijiet, id-diżattivazzjoni tal-apparat ma għandhiex tirrilaxxa awtomatikament il-brejkijiet għall-kuntrarju tal-intenzjoni tas-sewwieq.

2.6. "*Stering*" tfisser il-kontroll tal-istering, il-kolonna tal-istering u l-aċċessorji ta' kisi tiegħu, ix-xaft tal-istering, il-gearbox tal-istering u l-komponenti l-oħra kollha li direttament jaffettwaw l-effettività tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat.

2.7. "*Kombinazzjoni*" tfisser waħda mill-varjazzjonijiet speċifikament żviluppati u mibnija ta' sistema tal-illokkjar li, meta attivata kif xieraq, tippermetti t-tħaddim tas-sistema tal-illokkjar.

([1]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6. https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions

2.8. "*Ċavetta*" tfisser kull apparat iddisinjat u mibni biex jipprovdi metodu ta' tħaddim ta' sistema tal-illokkjar, li hija ddisinjata u mibnija biex titħaddem biss b'dak l-apparat.

2.9. "*Rolling code*" tfisser kodiċi elettroniku li jikkonsisti minn diversi elementi li l-kombinazzjoni tagħhom tinbidel b'mod każwali wara kull tħaddim tal-unità tat-trażmissjoni.

3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' vettura jew ta' tip ta' komponent fir-rigward ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur.

3.2. Din għandha tkun akkumpanjata b'dokument ta' informazzjoni stabbilit f'konformità mal-mudell muri fl-Anness 1, u li jagħti deskrizzjoni tal-karatteristiċi tekniċi tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat u l-metodu/metodi tal-installazzjoni għal kull marka u tip ta' vettura li fuqha jkun intenzjonat li jiġi installat l-apparat protettiv.

3.3. Vettura(vetturi)/komponent(komponenti) li jirrappreżenta(jirrappreżentaw) it-tip(i) li għandu/għandhom jiġi/jiġu approvat(i) għandu/għandhom jiġi/jiġu sottomess(i) lid-dipartiment tekniku responsabbli mit-twettiq ta' testijiet tal-approvazzjoni.

4. Approvazzjoni

4.1. Jekk it-tip sottomess għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-approvazzjoni ta' dak it-tip għandha tingħata.

4.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni lil kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (attwalment 00, li jikkorrispondu għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-sensiela ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewlenin reċenti li saru fir-Regolament fiż-żmien tal-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura jew ta' komponent, kif definit f'dan ir-Regolament.

4.3. Avviż dwar l-approvazzjoni jew l-estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tkun tikkonforma mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

4.4. Għandha titwaħħal, b'mod ċar u f'post faċilment aċċessibbli speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, fuq kull vettura jew komponent li jikkonforma ma' tip approvat skont dan ir-Regolament, marka tal-approvazzjoni internazzjonali li tikkonsisti minn:

4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni ([2]), u

4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk it-tip ikun konformi ma' tip approvat skont Regolament tan-NU wieħed jew aktar anness mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma hemmx għalfejn jiġi ripetut; f'dak il-każ, ir-Regolament li skontu tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandu jitqiegħed f'kolonni weqfin fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.7. Fil-każ ta' vettura, il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin tal-pjanċa tad-*data* tal-vettura mwaħħla mill-manifattur jew fuqha.

4.8. L-Anness 3 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.

5. Approvazzjoni ta' vettura tal-Kategorija M_1 u N_1 fir-rigward tal-apparati tagħha li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat

5.1. Speċifikazzjonijiet ġenerali

5.1.1. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jkun meħtieġ li jitwaqqaf milli jitħaddem sabiex jippermetti li:

([2]) In-numri distintivi tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6 — https://unece.org/transport/standards/transport/vehicle-regulations-wp29/resolutions.

5.1.1.1. il-magna tiġi startjata permezz tal-kontroll normali, u

5.1.1.2. il-vettura timxi, tinsaq jew tiċċaqlaq 'il quddiem bil-forza tagħha stess.

5.1.1.3. Ir-rekwiżit tal-paragrafu 5.1.1 jista' jintlaħaq fl-istess ħin jew qabel l-azzjonijiet deskritti fil-paragrafi 5.1.1.1 u 5.1.1.2.

5.1.2. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1.1 għandhom jintlaħqu permezz tal-applikazzjoni ta' ċavetta waħda.

5.1.3. Minbarra fil-każ previst fil-paragrafu 5.2.1.5, sistema mħaddma b'ċavetta mdaħħla f'serratura ma għandhiex tippermetti t-tneħħija taċ-ċavetta qabel ma l-apparat imsemmi fil-paragrafu 5.1.1. ikun tħaddem jew tħejja biex jaħdem.

5.1.4. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat imsemmi fil-paragrafu 5.1.1 ta' hawn fuq, u l-komponenti tal-vettura li jaħdem fuqhom, għandu jkun iddisinjati b'tali mod li ma jkunx jista' jinfetaħ, isir ineffettiv jew jiġi distrutt b'mod rapidu u mingħajr ma jiġbed l-attenzjoni permezz ta', pereżempju, l-użu ta' għodod, tagħmir jew prodotti rħas u li jistgħu jinħbew faċilment, disponibbli faċilment għall-pubbliku ġenerali.

5.1.5. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jitwaħħal mal-vettura bħala parti mit-tagħmir oriġinali (jiġifieri, tagħmir installat mill-manifattur tal-vettura qabel l-ewwel bejgħ tagħha bl-imnut). Għandu jitwaħħal b'tali mod li anke wara li jitneħħa mill-kompartiment tiegħu ma jkunx jista' meta jkun fil-kundizzjoni mblukkata, jiżżarma ħlief b'għodda speċjali. Jekk ikun possibbli li l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat isir ineffettiv permezz tat-tneħħija ta' viti, dawk il-viti għandhom, sakemm ma jkunux tat-tip li ma jitneħħewx, jitgħattew minn partijiet tal-apparat protettiv imblukkat.

5.1.6. Is-sistemi mekkaniċi tal-illokkjar għandhom jipprovdu tal-inqas 1 000 kombinazzjoni differenti taċ-ċavetta jew numru ugwali għan-numru totali ta' vetturi mmanifatturati kull sena jekk dan ikun inqas minn 1 000. F'vetturi ta' tip wieħed il-frekwenza tal-okkorrenza ta' kull kombinazzjoni għandha bejn wieħed u ieħor tkun ta' waħda kull 1 000.

5.1.7. Is-sistemi tal-illokkjar elettriċi/elettroniċi, eż. kontroll mill-bogħod, għandu jkollhom mill-inqas 50 000 varjant u għandhom jinkorporaw rolling code u/jew ikollhom żmien minimu tal-iskennjar ta' għaxart ijiem, eż. massimu ta' 5 000 varjant għal kull 24 siegħa għal minimu ta' 50 000 varjant.

5.1.8. Rigward in-natura tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, għandu jiġi applikat il-paragrafu 5.1.6 jew il-paragrafu 5.1.7.

5.1.9. Iċ-ċavetta u s-serratura ma għandhomx ikunu kkodifikati viżibbilment.

5.1.10. Is-serratura għandha tkun iddisinjata, mibnija u mwaħħla b'tali mod li t-tidwir taċ-ċilindru tas-serratura, meta tkun fil-pożizzjoni llokkjata, b'torque ta' inqas minn 2,45 Nm ma jkunx possibbli bl-ebda ċavetta għajr iċ-ċavetta ta' pariġġha, u

5.1.10.1. Għal ċilindri tas-serratura b'pin tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li jaħdmu fl-istess direzzjoni għandhom jitqiegħdu ħdejn xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 60 fil-mija ta' tumblers identiċi;

5.1.10.2. Għal ċilindri tas-serratura b'pin tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li jaħdmu fl-istess direzzjoni ma għandhom jitqiegħdu ħdejn xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 50 fil-mija ta' tumblers identiċi.

5.1.11. L-apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat għandhom ikunu tali li jeskludu kull riskju ta' falliment aċċidentali ta' tħaddim waqt li l-magna tkun taħdem, b'mod partikolari fil-każ ta' mblukkar li x'aktarx jikkomprometti s-sikurezza.

5.1.11.1. Ma għandux ikun possibbli li jiġu attivati apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat mingħajr ma l-ewwel ikunu ssettjati l-kontrolli tal-magna għal kundizzjoni ta' twaqqif u mbagħad titwettaq azzjoni li ma tkunx kontinwazzjoni mhux interrotta tat-twaqqif tal-magna, jew mingħajr ma l-ewwel ikunu ssettjati l-kontrolli tal-magna għal kundizzjoni ta' twaqqif u meta l-vettura tkun wieqfa bl-applikazzjoni tal-brejk tal-ipparkjar, jew il-veloċità tal-vettura ma taqbiżx l-4 km/siegħa.

5.1.11.2. Fil-każ ta' apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat, jekk l-azzjoni tal-irtirar taċ-ċavetta tattiva l-apparat din għandha jew tenħtieġ ċaqliq minimu ta' 2 mm qabel l-attivazzjoni tal-apparat jew tinkorpora faċilità li tipprevali li tipprevjeni t-tneħħija aċċidentali jew l-irtirar parzjali taċ-ċavetta.

5.1.11.3. Il-paragrafi 5.1.10, 5.1.10.1 jew 5.1.10.2, u 5.1.11.2 huma applikabbli biss għal apparati li jinkludu ċwievet mekkaniċi.

5.1.12. Assistenza bl-enerġija tista' tintuża biss biex tattiva l-azzjoni tal-illokkjar jew tal-ftuħ tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat. L-apparat għandu jinżamm fil-pożizzjoni tiegħu ta' tħaddim b'kull mezz adatt li ma jeħtieġx provvista ta' enerġija.

5.1.13. Ma għandux ikun possibbli li tiġi attivata l-enerġija mekkanika tal-vettura b'mezzi normali sakemm l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ma jkunx ġie diżattivat.

5.1.14. L-apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat billi jipprevjenu r-rilaxx tal-brejkijiet tal-vettura għandhom jiġu awtorizzati biss meta l-partijiet operattivi tal-brejkijiet jinżammu f'pożizzjoni llokkjata permezz ta' apparat purament mekkaniku. F'dan il-każ il-preskrizzjonijiet tal-paragrafu 5.1.13 ma japplikawx.

5.1.15. Jekk l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ikun mgħammar b'karatteristika ta' twissija lis-sewwieq, dan għandu jiġi attivat meta l-operatur jiftaħ il-bieba tan-naħa tas-sewwieq, sakemm l-apparat ma jkunx ġie attivat u ċ-ċavetta mneħħija mill-operatur.

5.2. Speċifikazzjonijiet partikolari

Minbarra l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali preskritti fil-paragrafu 5.1, l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jilħaq il-kundizzjonijiet partikolari preskritti hawn taħt:

5.2.1. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat li jaġixxu fuq l-istering

5.2.1.1. Apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat li jaġixxi fuq l-istering għandu jagħmel l-istering inoperattiv. Qabel ma l-magna tiġi startjata, it-tħaddim normali tal-istering għandu jiġi restawrat.

5.2.1.2. Meta l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ikun issettjat biex jaġixxi, ma għandux ikun possibbli li l-apparat jiġi mfixkel milli jiffunzjona.

5.2.1.3. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jkompli jilħaq ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.1.11, 5.2.1.1, 5.2.1.2 u 5.2.1.4 wara li jkun għamel 2 500 ċiklu ta' llokkjar f'kull direzzjoni tat-test tat-tkagħbir bl-użu speċifikat fil-Parti 1 tal-Anness 4 ta' dan ir-Regolament.

5.2.1.4. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu, fil-pożizzjoni attivata tiegħu, jissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

5.2.1.4.1. Għandu jkun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ, mingħajr ħsara għall-mekkaniżmu tal-istering li x'aktarx tikkomprommetti s-sikurezza, għall-applikazzjoni ta' torque ta' 300 Nm mal-assi tal-fus tal-istering fiż-żewġ direzzjonijiet f'kundizzjonijiet statiċi.

5.2.1.4.2. Għandu jinkorpora mekkaniżmu ddisinjat biex jagħti jew iċedi, b'tali mod li s-sistema tkun tiflaħ, jew kontinwament jew inkella b'mod intermittenti, għall-applikazzjoni ta' torque ta' mill-inqas 100 Nm. Is-sistema tal-illokkjar għandha xorta tiflaħ għall-applikazzjoni ta' dan it-torque wara t-test speċifikat fil-Parti 2 tal-Anness 4 ta' dan ir-Regolament.

5.2.1.4.3. Għandu jinkorpora mekkaniżmu maħsub biex jippermetti li r-rota tal-istering iddur b'mod ħieles fuq il-fus imblokkat tal-istering. Il-mekkaniżmu ta' mblukkar għandu jkun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ għall-applikazzjoni ta' torque ta' 200 Nm fuq l-assi tal-fus tal-istering fiż-żewġ direzzjonijiet f'kundizzjonijiet statiċi.

5.2.1.5. Jekk l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ikun tali li ċ-ċavetta tista' titneħħa f'pożizzjoni li ma tkunx il-pożizzjoni li fiha l-istering ikun inoperattiv, dan għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-manuvra meħtieġa biex tintlaħaq dik il-pożizzjoni u titneħħa ċ-ċavetta ma tistax issir involontarjament.

5.2.1.6. Jekk komponent ma jaħdimx b'tali mod li r-rekwiżiti tat-torque speċifikati fil-paragrafi 5.2.1.4.1, 5.2.1.4.2 u 5.2.1.4.3 ma jkunux jistgħu jiġu applikati faċilment, iżda s-sistema tal-istering tibqa' mblukkata, is-sistema għandha tissodisfa r-rekwiżiti.

5.2.2. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat billi jaġixxu fuq it-trażmissjoni jew fuq il-brejkijiet

5.2.2.1. Apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat li jaġixxi fuq it-trażmissjoni għandu jipprevjeni r-rotazzjoni tar-roti tas-sewqan tal-vettura.

5.2.2.2. Apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat billi jaġixxi fuq il-brejkijiet għandu jibbrejkja mill-inqas rota waħda fuq kull naħa ta' mill-inqas fus wieħed.

5.2.2.3. Meta l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ikun issettjat biex jaġixxi, ma għandux ikun possibbli li l-apparat jiġi mfixkel milli jiffunzjona.

5.2.2.4. Ma għandux ikun possibbli għat-trażmissjoni jew għall-brejkijiet li jiġu mblukkati involontarjament meta ċ-ċavetta tkun fis-serratura tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, anke meta l-apparat li jipprevjeni l-istartjar tal-magna jkun beda jiffunzjona jew ikun issettjat biex jaġixxi. Dan ma japplikax kull meta r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.2.2 ta' dan ir-Regolament jintlaħqu minn apparati użati għal skop ieħor apparti dan u s-serratura fil-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tkun meħtieġa għal din il-funzjoni addizzjonali (eż. brejk elettriku tal-ipparkjar).

5.2.2.5. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li jibqa' effettiv għalkollox anke wara xi tkagħbir bl-użu bħala riżultat ta' 2 500 ċiklu ta' llokkjar f'kull direzzjoni. Fil-każ ta' apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, kull parti sekondarja mekkanika jew elettrika tal-apparat tkun ikkonċernata.

5.2.2.6. Jekk l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ikun tali li ċ-ċavetta tkun tista' titneħħa f'pożizzjoni minbarra l-pożizzjoni li fiha t-trażmissjoni jew il-brejkijiet ikunu llokkjati, dan għandu jkun iddisinjat b'tali mod li l-manuvra meħtieġa biex tintlaħaq dik il-pożizzjoni u titneħħa ċ-ċavetta ma tkunx tista' titwettaq involontarjament.

5.2.2.7. Fil-każ fejn jintuża l-apparat protettiv li jaġixxi fuq it-trażmissjoni, dan għandu jkun b'saħħtu biżżejjed biex jiflaħ, mingħajr ħsara li x'aktarx tikkompromietti s-sikurezza, għall-applikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet u f'kundizzjonijiet statiċi ta' torque 50 fil-mija akbar mit-torque massimu li jista' jiġi applikat normalment lit-trażmissjoni. Fl-istabbiliment tal-livell ta' dan l-ittestjar tat-torque ma għandux jitqies it-torque massimu tal-magna, iżda tat-torque massimu li jista' jiġi trażmess mill-klaċċ jew bit-trażmissjoni awtomatika.

5.2.2.8. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, l-apparat għandu jkun kapaċi jżomm il-vettura mgħobbija wieqfa fuq gradjent ta' 20 fil-mija 'l fuq jew 'l isfel.

5.2.2.9. Fil-każ ta' vettura mgħammra b'apparat protettiv li jaġixxi fuq il-brejkijiet, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu interpretati bħala nuqqas devjazzjoni mir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 13 jew 13-H anke fil-każ ta' falliment.

5.2.3. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat li jaġixxu fuq il-kontroll tat-tibdil tal-ger

5.2.3.1. Apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat li jaġixxi fuq il-kontroll tat-tibdil tal-ger għandu jkun kapaċi li jipprevjeni kwalunkwe tibdil tal-gerijiet.

5.2.3.2. Fil-każ ta' gearboxes manwali għandu jkun possibbli li l-kontroll tat-tibdil tal-ger jiġi llokkjat fil-pożizzjoni tar-rivers biss; barra minn hekk, għandu jkun permess l-illokkjar f'pożizzjoni newtrali.

5.2.3.3. Fil-każ ta' gearboxes awtomatiċi pprovduti b'pożizzjoni għall-"ipparkjar" għandu jkun possibbli li l-mekkaniżmu jiġi llokkjat fil-pożizzjoni tal-ipparkjar biss; barra minn hekk, għandu jkun permess l-illokkjar f'pożizzjoni newtrali u/jew ta' rivers.

5.2.3.4. Fil-każ ta' gearboxes awtomatiċi mhux ipprovduti b'pożizzjoni għall-"ipparkjar" għandu jkun possibbli li l-mekkaniżmu jiġi llokkjat fil-pożizzjonijiet tal-ipparkjar li ġejjin biss: newtrali u/jew rivers.

5.2.3.5. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li jibqa' effettiv għalkollox anke wara xi tkagħbir bl-użu bħala riżultat ta' 2 500 ċiklu ta' llokkjar f'kull direzzjoni.

5.3. L-apparati elettromekkaniċi u elettroniċi għall-prevenzjoni tal-użu mhux awtorizzat għandhom jiġu sottomessi għat-testijiet deskritti fl-Anness 6.

6. Modifika tat-tip u estensjoni tal-approvazzjoni

6.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura jew ta' tip ta' komponent għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura jew it-tip ta' komponent. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip imbagħad għandha jew:

(a) Tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandha tingħata approvazzjoni tat-tip ġdida; jew

(b) Tapplika l-proċedura li tinsab fil-paragrafu 6.1.1. (Reviżjoni) ta' hawn taħt u, jekk applikabbli, il-proċedura li tinsab fil-paragrafu 6.1.2 (Estensjoni) ta' hawn taħt.

6.1.1. Reviżjoni

Meta d-dettalji rreġistrati fid-dokumenti ta' informazzjoni jkunu nbidlu u l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tqis li l-modifiki li saru mhux probabbli li se jkollhom effetti negattivi apprezzabbli u li fi kwalunkwe każ il-pedali għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti, il-modifika għandha tiġi ddeżinjata bħala "reviżjoni".

F'dan il-każ, l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha toħroġ il-paġni riveduti tad-dokumenti ta' informazzjoni kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-modifika u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata u aġġornata tad-dokumenti ta' informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-modifika, għandha titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit.

6.1.2. Il-modifika għandha tiġi ddeżinjata bħala "estensjoni" jekk, minbarra l-bidla fid-*data* rreġistrata fid-dokumenti ta' informazzjoni:

(a) Ikunu meħtieġa aktar spezzjonijiet jew testijiet; jew

(b) Tkun inbidlet xi informazzjoni fid-dokument ta' komunikazzjoni (bl-eċċezzjoni ta' partijiet mehmuża miegħu); jew

(c) Tintalab l-approvazzjoni għal serje ta' emendi aktar tard wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

6.2. Konferma jew ċaħda tal-approvazzjoni, fejn tiġi speċifikata l-alterazzjoni, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

6.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li ssir għal estensjoni għal din.

7. Proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim, Skeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), b'dawn ir-rekwiżiti:

7.1. Vetturi/komponenti skont dan ir-Regolament għandhom jiġu manifatturati b'tali mod li jikkonformaw mat-tip approvat billi jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-parti(jiet) rilevanti ta' dan ir-Regolament.

7.2. Għal kull tip ta' vettura jew komponent it-testijiet preskritti fil-parti(jiet) rilevanti ta' dan ir-Regolament għandhom jitwettqu fuq bażi statistikament ikkontrollata u każwali, f'konformità ma' waħda mill-proċeduri regolari tal-assigurazzjoni tal-kwalità.

7.3. L-Awtorità li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità ta' produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba kull sentejn.

8. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura/komponent skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 7 ta' hawn fuq ma jintlaħqux.

8.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, din għandha minnufih tavża lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 2.

9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

9.1. Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' vettura/komponent approvat f'konformità ma' dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 2.

10. Ismijiet u indirizzi ta' Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

10.1. Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni, u lil min għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni, jew ir-rifjut jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħra.

ANNESS 1

Dokument ta' informazzjoni

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))

F'konformità mar-Regolament tan-NU Nru 161 dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-vetturi bil-mutur mill-użu mhux awtorizzat u l-approvazzjoni tal-apparat kontra l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar)

1. Ġenerali

1.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. Tip: .....

1.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk dan ikun immarkat fuq l-apparat ([1]): .....

1.3.1. Pożizzjoni ta' dak l-immarkar: .....

1.4. Kategorija tal-vettura ([2]): .....

1.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

1.6. Post tal-marka tal-approvazzjoni KEE: .....

1.7. Indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

2. Il-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura

2.1. Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva: .....

2.2. Naħa tas-sewqan: xellug / lemin ([3]) .....

3. Mixxellanji

3.1. Apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat tal-vettura

3.1.1. Apparat protettiv:

3.1.1.1. Deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-arranġament u tad-disinn tal-kontroll jew tal-unità li fuqha jaġixxi l-apparat protettiv: .....

3.1.1.2. Disinji tal-apparat protettiv u tal-immuntar tiegħu fuq il-vettura: .....

3.1.1.3. Deskrizzjoni teknika tal-apparat: .....

3.1.1.4. Dettalji tal-kombinazzjonijiet tas-serratura użati: .....

([1]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikollu karattri mhux rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tip ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti f'dan id-dokument ta' informazzjoni, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

([2]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6.

([3]) Aqta' barra dak li ma japplikax.

ANNESS 2

Komunikazzjoni

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:

.....

.....

.....

li tikkonċerna ([2]): approvazzjoni mogħtija

approvazzjoni estiża

approvazzjoni rrifjutata

approvazzjoni rtirata

produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-apparati tagħha li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat skont ir-Regolament Nru 161.

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-Estensjoni .....

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

1. Ġenerali

1.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. Tip: .....

1.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ([2]) ([3]): .....

1.3.1. Pożizzjoni ta' dak l-immarkar: .....

1.4. Kategorija tal-vettura ([4]): .....

1.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

1.6. Post tal-marka tal-approvazzjoni KEE: .....

1.7. Indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (fejn applikabbli): ara l-addendum

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

([1]) In-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet dwar l-approvazzjoni fir-Regolament).

([2]) Aqta' barra dak li ma japplikax (hemm każijiet fejn ma hemm bżonn li jithassar xejn, meta tkun applikabbli aktar minn entrata waħda).

([3]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikollu karattri mhux rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tip ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti f'dan id-dokument ta' informazzjoni, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

([4]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6.

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Kummenti (jekk ikun hemm): ara l-addendum

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. L-indiċi għall-pakkett tal-informazzjoni ppreżentat lill-awtorità tal-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, jinsab mehmuż.

Addendum

għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU Nru …

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tar-Regolament tan-NU Nru 161

1. Informazzjoni addizzjonali: .....

1.1. Deskrizzjoni fil-qosor tal-apparat(i) kontra użu mhux awtorizzat u tal-partijiet tal-vettura li fuqhom huwa/huma jaġixxi/jaġixxu: .....

2. Kummenti: .....

ANNESS 3

Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

(ara l-paragrafi 4.4 sa 4.4.2 ta' dan ir-Regolament)



a = minimu ta' 8 mm.

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura turi li t-tip ikkonċernat ġie approvat fin-Netherlands (E 4) skont ir-Regolament tan-NU Nru 161 bin-numru tal-approvazzjoni 001234. L-ewwel żewġ ċifri (00) tan-numru ta' approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 161 fil-forma oriġinali tiegħu.

ANNESS 4

PARTI 1

Proċedura tat-test tat-tkagħbir bl-użu għal apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat li jaġixxu fuq l-istering

1. Tagħmir tat-test

It-tagħmir tat-test għandu jkun jikkonsisti minn:

1.1. Tagħmir adatt għall-immuntar tal-kampjun tal-istering komplut bl-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat imwaħħal, kif definit fil-paragrafu 2.5 ta' dan ir-Regolament.

1.2. Mezz għall-attivazzjoni u għad-diżattivazzjoni tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat li għandu jinkludi l-użu taċ-ċavetta.

1.3. Mezz għad-dawran tax-xaft tal-istering relattiv mal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat.

2. Metodu tat-test

2.1. Kampjun tal-istering komplut bl-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat jitwaħħal mat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1.1 ta' hawn fuq.

2.2. Ċiklu wieħed tal-proċedura tat-test għandu jikkonsisti fl-operazzjonijiet li ġejjin:

2.2.1. Pożizzjoni tal-bidu. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jiġi diżattivat u x-xaft tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, sakemm ma jkunx tat-tip li jippermetti llokkjar f'kull pożizzjoni tal-istering.

2.2.2. Issettjat biex jiġi attivat. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jiġu mibdul mill-pożizzjoni diżattivata għal dik attivata, bl-użu taċ-ċavetta.

2.2.3. ([1]) Attivat. Il-fus tal-istering għandu jiddawwar b'tali mod li t-torque fuqu, fil-mument tal-ingaġġ tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat, ikun ta' 40 Nm ± 2 Nm.

2.2.4. Diżattivat. L-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat għandu jiġi diżattivat bil-mezzi normali, fejn it-torque jitnaqqas għal żero biex jiġi ffaċilitat id-diżingaġġ.

2.2.5. ([1]) Ritorn. Il-fus tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat.

2.2.6. Rotazzjoni opposta. Il-proċeduri deskritti fil-paragrafi 2.2.2, 2.2.3, 2.2.4 u 2.2.5 għandhom jiġu ripetuti, iżda fid-direzzjoni opposta tar-rotazzjoni tal-fus tal-istering.

2.2.7. L-intervall bejn żewġ ingaġġi suċċessivi tal-apparat għandu jkun ta' mill-inqas 10 sekondi.

2.3. Iċ-ċiklu tat-tkagħbir bl-użu għandu jiġi ripetut għan-numru ta' drabi speċifikat fil-paragrafu 5.2.1.3 ta' dan ir-Regolament.

PARTI 2

Proċedura tat-test għall-apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat li jaġixxu fuq l-istering bl-użu ta' apparat li jillimita t-torque

1. Tagħmir tat-test

It-tagħmir tat-test għandu jkun jikkonsisti minn:

1.1. Tagħmir adatt biex iżomm il-partijiet rilevanti ta' sistema ta' stering jew, jekk it-test jitwettaq fuq vettura kompluta, sistema ta' ġġakkjar li kapaċi tgħolli r-roti kollha direzzjonali 'l fuq mill-art, u

([1]) Jekk l-apparat li jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat jippermetti l-illokkjar tal-istering f'kull pożizzjoni, il-proċeduri deskritti fil-paragrafi 2.2.3 u 2.2.5 għandhom jitħallew barra.

1.2. Apparat jew apparati kapaċi li jipproduċu, u jkejlu, torque applikat għall-kontroll tal-istering kif preskritt fil-paragrafu 2.3. Il-preċiżjoni tal-kejl għandha tkun ugwali għal 2 % jew inqas.

2. Deskrizzjoni tal-proċedura tat-test

2.1. Jekk it-test jitwettaq fuq vettura kompluta, it-test għandu jitwettaq bir-roti direzzjonali kollha 'l fuq mill-art.

2.2. Is-serratura tal-istering għandha tiġi attivata b'tali mod li l-istering jiġi mblukkat.

2.3. Għandu jiġi applikat torque fuq il-kontroll tal-istering sabiex idur.

2.4. Iċ-ċiklu tat-test jinkludi rotazzjoni tal-kontroll tal-istering ta' 90° segwit minn rotazzjoni fid-direzzjoni opposta ta' 180°, u rotazzjoni ġdida ta' 90° fid-direzzjoni oriġinali (ara l-illustrazzjoni);

ċiklu wieħed = + 90°/– 180°/+ 90°b'tolleranza ta' ± 10 fil-mija.



2.5. Id-durata ta' ċiklu hija ta' 20 s ± 2 s.

2.6. Għandhom jitwettqu ħames ċikli tat-test.

2.7. Matul kull wieħed miċ-ċikli tat-test il-valur minimu rreġistrat tat-torque għandu jkun ogħla minn dak mogħti fil-paragrafu 5.2.1.4.2 ta' dan ir-Regolament.

ANNESS 5

(riżervat)

ANNESS 6

Il-parametri tat-tħaddim u l-kundizzjonijiet tat-test għall-apparati li jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat (permezz ta' sistema tal-illokkjar)

1. Parametri ta' tħaddim

Ir-rekwiżiti ta' hawn taħt ma japplikawx għal:

(a) Dawk il-komponenti li jkunu mwaħħla u ttestjati bħala parti mill-vettura, kemm jekk tkun imwaħħla sistema tal-illokkjar jew le (eż. lampi, sistema ta' allarm u immobilizzatur); jew

(b) Dawk il-komponenti li jkunu ġew ittestjati qabel bħala parti mill-vettura u tkun ġiet ipprovduta evidenza dokumentarja.

Il-komponenti kollha tas-sistema tal-illokkjar għandhom jaħdmu mingħajr falliment fil-kundizzjonijiet li ġejjin.

1.1. Kundizzjonijiet klimatiċi

Żewġ klassijiet ta' temperaturi ambjentali huma definiti kif ġej:

(a) – 40 °C sa + 85 °C għall-partijiet li għandhom jitwaħħlu fil-kompartiment tal-passiġġier jew tal-bagoll,

(b) – 40 °C sa + 125 °C għall-partijiet li għandhom jitwaħħlu fil-kompartiment tal-magna sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

1.2. Grad ta' protezzjoni għall-installazzjoni

Għandhom jiġu pprovduti l-gradi ta' protezzjoni li ġejjin f'konformità mal-pubblikazzjoni tal-IEC 60529:1989:

(a) IP 40 għall-partijiet li għandhom jitwaħħlu fil-kompartiment tal-passiġġier,

(b) IP 42 għall-partijiet li għandhom jitwaħħlu fil-kompartiment tal-passiġġier ta' roadsters/konvertibbli u karozzi b'pannelli tas-saqaf li jistgħu jiċċaqilqu jekk il-post tal-installazzjoni jirrikjedi grad ogħla ta' protezzjoni mill-IP 40,

(c) IP 54 għall-partijiet l-oħra kollha.

Il-manifattur tas-sistema tal-illokkjar għandu jispeċifika fl-istruzzjonijiet tal-installazzjoni kull restrizzjoni fuq l-ippożizzjonar ta' xi parti tal-installazzjoni fir-rigward ta' trab, ilma u temperatura.

1.3. Resistenza għat-temp

Sebat ijiem skont il-pubblikazzjoni tal-IEC 60068-2-30:1980.

1.4. Kundizzjonijiet elettriċi

Vultaġġ tal-provvista attribwit: 12 V

Medda tal-vultaġġ tal-provvista tat-tħaddim: minn 9 V sa 15 V fil-medda ta' temperaturi skont il-paragrafu 1.1.1.

Perjodi massimi ta' vultaġġ eċċessiv fi 23 °C:

U = 18 V, mass. sigħa

U = 24 V, mass. minuta waħda

2. Kundizzjonijiet tat-test

It-testijiet kollha għandhom jitwettqu f'sekwenza fuq sistema tal-illokkjar waħda. Madankollu, fid-diskrezzjoni tal-awtorità tat-test, jistgħu jintużaw kampjuni oħra jekk dan ma jitqiesx li jaffettwa r-riżultati tat-testijiet l-oħra.

2.1. Kundizzjonijiet normali tat-test

Vultaġġ U = (12 ± 0,2) V

Temperatura T = (23 ± 5) °C

3. Test tat-tħaddim

Il-komponenti kollha tas-sistema tal-illokkjar għandhom jikkonformaw mal-preskrizzjonijiet mogħtija fil-paragrafi 3.2 sa 3.9.

3.1 Mat-tlestija tat-testijiet kollha speċifikati hawn taħt, is-sistema tal-illokkjar għandha tiġi ttestjata fil-kundizzjonijiet normali tat-test speċifikati fil-paragrafu 2.1 biex jiġi vverifikat jekk tibqax tiffunzjona normali. Fejn meħtieġ, il-fjusis jistgħu jiġu sostitwiti qabel it-test.

Jekk uħud mit-testijiet meħtieġa f'kull wieħed minn dawn il-paragrafi qabel it-testijiet ta' tħaddim jitwettqu f'serje fuq sistema tal-illokkjar waħda, it-test ta' tħaddim jista' jsir biss darba wara li t-testijiet magħżula jkunu tlestew minflok ma jsiru t-testijiet ta' tħaddim mitluba f'dawn il-paragrafi wara kull wieħed mit-testijiet magħżula. Il-manifatturi tal-vettura u l-fornituri għandhom jiggarantixxu riżultati sodisfaċenti biss fuq proċeduri mhux akkumulati.

3.2. Resistenza għat-temperatura u bidliet fil-vultaġġ

Għandha tiġi vverifikata wkoll il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet definiti fil-paragrafu 3.1 fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

3.2.1. Temperatura tat-test T (– 40 ± 2) °C

Vultaġġ tat-test U = (9 ± 0,2) V

Durata tal-ħżin 4 sigħat

3.2.2. Għall-partijiet li jridu jitwaħħlu fil-kompartiment tal-passiġġieri jew tal-bagalji:

Temperatura tat-test T = (+ 85 ± 2) °C

Vultaġġ tat-test U = (15 ± 0,2) V

Durata tal-ħżin 4 sigħat

3.2.3. Għall-partijiet li għandhom jitwaħħlu fil-kompartiment tal-passiġġieri sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor:

Temperatura tat-test T = (+ 125 ± 2) °C

Vultaġġ tat-test U = (15 ± 0,2) V

Durata tal-ħżin 4 sigħat

3.2.4. Is-sistema tal-illokkjar, kemm fl-istat issettjat kif ukoll mhux issettjat, għandha tiġi sottomessa għal vultaġġ żejjed ekwivalenti għal (18 ± 0,2) V għal siegħa.

3.2.5. Is-sistema tal-illokkjar, kemm fl-istat issettjat kif ukoll mhux issettjat, għandha tiġi sottomessa għal vultaġġ żejjed ekwivalenti għal (24 ± 0,2) V għal minuta.

3.3. Tħaddim sikur wara l-ittestjar tal-impermeabbiltà għall-korpi estranei u għall-ilma

Wara t-test għall-impermeabbiltà għall-korpi estranei u għall-ilma skont il-pubblikazzjoni tal-IEC 60529:1989, għall-gradi ta' protezzjoni bħal fil-paragrafu 1.1.2, għandhom jiġu ripetuti t-testijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 3.1.

Bi ftehim mas-Servizz Tekniku dan ir-rekwiżit ma għandux għalfejn japplika fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) L-Approvazzjoni tat-Tip ta' sistema tal-illokkjar li għandha tiġi approvata skont it-tip bħala unità teknika separata

F'dan il-każ, il-manifattur tas-sistema tal-illokkjar għandu:

(i) Jispeċifika fil-punt 4.5 tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma kienx applikat għas-sistema tal-illokkjar (f'konformità mal-paragrafu 7 ta' dan ir-Regolament), u

(ii) Jispeċifika fil-punt 4.1 tad-dokument ta' informazzjoni, il-lista ta' vetturi li fuqhom is-sistema tal-illokkjar hija maħsuba li tiġi installata u l-kundizzjonijiet rilevanti ta' installazzjoni fil-punt 4.2.

(b) Approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' sistema tal-illokkjar

F'dan il-każ, il-manifattur tal-vettura għandu jispeċifika fil-punt 3.1. tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma japplikax għas-sistema tal-illokkjar minħabba n-natura tal-kundizzjonijiet tal-installazzjoni u l-manifattur tal-vettura għandu jagħti prova ta' dan billi jippreżenta dokumenti relatati.

(c) L-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema tal-illokkjar li t-tip tagħha huwa approvat bħala unità teknika separata.

F'dan il-każ, il-manifattur tal-vettura għandu jispeċifika fil-punt 3.1. tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma japplikax għall-installazzjoni tas-sistema tal-illokkjar meta l-kundizzjonijiet ta' installazzjoni rilevanti jkunu ssodisfati.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax f'każijiet fejn l-informazzjoni meħtieġa fil-punt 3.1. tal-Anness 1 tkun diġà tressqet għall-approvazzjoni tal-unità teknika separata.

3.4. Tħaddim sikur wara t-test għal ilma kondensat

Wara test tar-reżistenza għall-umdità li għandu jitwettaq skont il-pubblikazzjoni tal-IEC 60068-2-30:1980 għandhom jiġu ripetuti t-testijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 3.1.

3.5. Test għas-sikurezza kontra l-polarità inversa

Is-sistema tal-illokkjar u l-komponenti tagħha ma għandhomx jiġu distrutti minn polarità inversa sa 13 V matul żewġ minuti. Wara dan it-test, it-testijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 3.1 għandhom jiġu ripetuti bil-fjusis mibdula, jekk meħtieġ.

3.6. Test għas-sikurezza kontra xort fiċ-ċirkwit

Il-konnessjonijiet elettriċi kollha tas-sistema tal-illokkjar iridu jkunu protetti minn xort fiċ-ċirkwit mal-ert, massimu 13 V u/jew bil-fjus. Wara dan it-test, għandhom jiġu ripetuti t-testijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 3.1, bil-fjusis mibdula jekk ikun meħtieġ.

3.7. Konsum ta' enerġija fil-kundizzjoni ssettjata

Il-konsum tal-elettriku fil-kundizzjoni ssettjata mogħtija fil-paragrafu 2.1. ma għandux jaqbeż medja ta' 20 mA għas-sistema kompluta tal-illokkjar inkluż l-iskrin tal-istatus.

Bi ftehim mas-Servizz Tekniku dan ir-rekwiżit ma għandux għalfejn japplika fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) L-Approvazzjoni tat-Tip ta' sistema tal-illokkjar li għandha tiġi approvata skont it-tip bħala unità teknika separata

F'dan il-każ, il-manifattur tas-sistema tal-illokkjar għandu:

(i) Jispeċifika fil-punt 4.5 tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma kienx applikat għas-sistema tal-illokkjar (f'konformità mal-paragrafu 7. ta' dan ir-regolament), u

(ii) Jispeċifika fil-punt 4.1 tad-dokument ta' informazzjoni, il-lista ta' vetturi li fuqhom is-sistema tal-illokkjar hija maħsuba li tiġi installata u l-kundizzjonijiet rilevanti ta' installazzjoni fil-punt 4.2.

(b) Approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward ta' sistema tal-illokkjar

F'dan il-każ, il-manifattur tal-vettura għandu jispeċifika fil-punt 3.1. tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma japplikax għas-sistema tal-illokkjar minħabba n-natura tal-kundizzjonijiet tal-installazzjoni u l-manifattur tal-vettura għandu jagħti prova ta' dan billi jippreżenta dokumenti relatati.

(c) L-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema tal-illokkjar li t-tip tagħha huwa approvat bħala unità teknika separata.

F'dan il-każ, il-manifattur tal-vettura għandu jispeċifika fil-punt 3.1. tad-dokument ta' informazzjoni (l-Anness 1), li r-rekwiżit ta' dan il-paragrafu ma japplikax għall-installazzjoni tas-sistema tal-illokkjar meta l-kundizzjonijiet ta' installazzjoni rilevanti jkunu ssodisfati.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax f'każijiet fejn l-informazzjoni meħtieġa fil-punt 3.1 tal-Anness 1 tkun diġà tressqet għall-approvazzjoni tal-unità teknika separata.

3.8. Tħaddim sikur wara test ta' vibrazzjoni

3.8.1. Għal dan it-test, il-komponenti huma suddiviżi f'żewġ tipi:

Tip 1: komponenti normalment immuntati fuq il-vettura,

Tip 2: komponenti maħsuba sabiex jitqabbdu mal-magna.

3.8.2. Il-komponenti/is-sistema tal-illokkjar għandhom jiġu sottomessi għal modalità ta' vibrazzjoni sinusojdali li l-karatteristiċi tiegħu huma kif ġej:

3.8.2.1. Għat-Tip 1

Il-frekwenza għandha tkun varjabbli minn 10 Hz sa 500 Hz b'amplitudini massima ta' ± 5 mm u aċċellerazzjoni massima ta' 3 g (0-peak).

3.8.2.2. Għat-Tip 2

Il-frekwenza għandha tkun varjabbli minn 20 Hz sa 300 Hz b'amplitudini massima ta' ± 2 mm u aċċellerazzjoni massima ta' 15 g (0-peak).

3.8.2.3. Kemm għat-tip 1 kif ukoll għat-tip 2

Il-varjazzjoni tal-frekwenza hija ta' ottava/minuta.

In-numru ta' ċikli huwa 10, it-test għandu jitwettaq tul kull wieħed mit-3 assi.

Il-vibrazzjonijiet jiġu applikati fi frekwenzi baxxi f'amplitudni kostanti massima u f'aċċellerazzjoni kostanti massima fuq frekwenzi għolja.

3.8.3. Matul it-test is-sistema tal-illokkjar għandha tkun imqabbda elettrikament u l-kejbil għandu jkollu appoġġ wara 200 mm.

3.8.4. Wara t-test tal-vibrazzjoni, għandhom jiġu ripetuti t-testijiet tat-tħaddim skont il-paragrafu 3.1.

3.9. Kompatibbiltà elettromanjetika

Is-sistema tal-illokkjar għandha tiġi sottomessa għat-testijiet deskritti fl-Anness 7.

ANNESS 7

Kompatibbiltà elettromanjetika

1. Immunità kontra disturbi kondotti tul il-linji ta' provvista

It-testijiet għandhom jitwettqu skont il-preskrizzjonijiet tekniċi u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament tan-NU Nru 10, tas-serje ta' emendi 06 u skont il-metodi ta' ttestjar deskritti fl-Anness 10 għal Subassemblaġġ Elettriku/Elettroniku (ESA).

Il-VAS/AS għandha tiġi ttestjata fi stat mhux issettjat u fi stat issettjat.

2. Immunità kontra disturbi rradjati ta' frekwenza għolja

L-ittestjar tal-immunità ta' VAS/AS f'vettura jista' jitwettaq skont il-preskrizzjonijiet tekniċi u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament tan-NU Nru 10, tas-serje ta' emendi 06 u l-metodi ta' ttestjar deskritti fl-Anness 6 għall-vetturi jew l-Anness 9 għal Subassemblaġġ Elettriku/Elettroniku (ESA).

Il-VAS/AS għandha tiġi ttestjata bil-kundizzjonijiet tat-tħaddim u bil-kriterji ta' falliment kif iddefiniti fit-Tabella 1.

Tabella 1

Kundizzjonijiet tat-tħaddim u kriterji ta' falliment għall-VAS/AS

Tip ta' test	Kundizzjonijiet tat-tħaddim ta' VAS/AS	Kriterji ta' falliment
Test bil-vettura	VAS/AS fi stat mhux issettjat Ċavetta f'pożizzjoni MIXGĦULA jew Vettura b'50 km/siegħa ([1])	Attivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
	VAS/AS fi stat issettjat Ċavetta f'pożizzjoni MITFIJA	Diżattivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
	VAS/AS fi stat issettjat Vettura fil-modalità ta' ċċarġjar (jekk applikabbli)	Diżattivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
Test tal-ESA	VAS/AS fi stat mhux issettjat	Attivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
	VAS/AS fi stat issettjat	Diżattivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS

([1]) Dan it-test jista' jkun kopert mir-Regolament tan-NU Nru 10, modalità 50 km/siegħa.

3. Disturb elettriku minn skariki elettrostatiċi

L-immunità kontra d-disturbi elettriċi għandha tiġi ttestjata f'konformità mal-istandard tal-ISO 10605:2008/AMD 1:2014 bl-użu tal-livelli tas-severità tat-test mit-Tabella 2.

It-testijiet tal-ESD għandhom jitwettqu jew fil-livell tal-vettura jew fil-livell tas-Subassemblaġġ Elettriku/Elettroniku (ESA).

Tabella 2

Livelli ta' ttestjar tal-ESD

Tip ta' skariku	Punti ta' skariku	Stat ta' VAS/AS	Network ta' skariku	Livell tat-Test	Kriterji ta' falliment
Skariku tal-arja	Punti li jistgħu jiġu aċċessati faċilment biss min-naħa ta' ġewwa tal-vettura	VAS/AS fi stat mhux issettjat (jekk it-test jitwettaq fuq il-vettura, allura din tal-aħħar għandha tkun biċ-Ċavetta f'pożizzjoni MIXGĦULA jew b'50 km/siegħa jew bil-magna f'modalità idle)	330 pF, 2 kΩ	± 6 kV	Attivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
	Punti li jistgħu jintmessu faċilment biss minn barra tal-vettura	VAS/AS fi stat issettjat (jekk it-test isir fuq il-vettura, allura din għandha tissakkar u ċ-Ċavetta għandha tkun f'pożizzjoni MITFIJA)	150 pF, 2 kΩ	± 15 kV	Diżattivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS mingħajr attivazzjoni mill-ġdid, fi żmien sekonda, wara kull skariku
Skariku ta' kuntatt	Punti li jistgħu jiġu aċċessati faċilment biss min-naħa ta' ġewwa tal-vettura	VAS/AS fi stat mhux issettjat (jekk it-test jitwettaq fuq il-vettura, allura din tal-aħħar għandha tkun biċ-Ċavetta f'pożizzjoni MIXGĦULA jew b'50 km/siegħa jew bil-magna f'modalità idle)	330 pF, 2 kΩ	± 4 kV	Attivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS
	Punti li jistgħu jintmessu faċilment biss minn barra tal-vettura	VAS/AS fi stat issettjat (jekk it-test isir fuq il-vettura, allura din għandha tissakkar u ċ-Ċavetta għandha tkun f'pożizzjoni MITFIJA)	150 pF, 2 kΩ	± 8 kV	Diżattivazzjoni mhux mistennija tal-VAS/AS mingħajr attivazzjoni mill-ġdid, fi żmien sekonda, wara kull skariku
Kull test għandu jitwettaq bi 3 skariki b'intervall minimu ta' 5 sekondi bejn kull skariku					

4. Emissjonijiet irradjati

It-testijiet għandhom jitwettqu skont il-preskrizzjonijiet tekniċi u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament tan-NU Nru 10, is-serje ta' emendi 06 u skont il-metodi ta' ttestjar deskritti fl-Annessi 4 u 5 għall-vetturi jew l-Annessi 7 u 8, għal Subassemblaġġ Elettriku/Elettroniku (ESA).

Il-VAS/AS għandha tkun fi stat issettjat.